# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 1010/00/SM**

**Korporazjoni Enemalta**

**vs**

**Etienne Reid**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu (LM300.24,0), rapprezentanti danni minnu kkagunati f'arblu tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar it-23 ta' Jannar 2000 fil-By Pass tal-Marsa;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 1999, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**